MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 951/2004

**Michael Kenneth Speranza**

**Vs**

**Pater Finance Company Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) u dan rapprezentanti rifuzjoni ta' parti mill-prezz imhallas mill-attur lis-socjeta' konvenuta ghall-vettura Fiat bin-numru ta' registrazzjoni AAB 924 u dan wara li rrizulta li l-vettura li nxtrat mill-attur minghand is-socjeta' konvenuta ma kienetx gdida, filwaqt li l-prezz li hallas l-attur kien ta' vettura gdida.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi l-vettura li xtara l-attur kienet fil-fatt gdida. Li gara kien li l-vettura kienet ser tinxtara minn persuna ohra li giet irregistrata fuq isimha. Minhabba ragunijiet personali, din il-persuna ma setghetx tixtriha u l-vettura nbieghet lill-attur. Dan ma jfissirx li l-vettura ma baqghetx gdida.

L-attur kien jaf b'dawn il-fatti ghal diversi ragunijiet, fosthom li dan il-fatt jirrizulta mil-Log Book tal-vettura li ilhu fil-pussess tieghu dawn l-ahhar ghaxart ijiem u mill-fatt li qabel ma xtara l-vettura ffirma t-*transfer notice* minghand il-persuna li kienet ser tixtriha ghal fuqu.

Minghajr pregudizzju, vettura li ghandha ghaxart ijiem ma tiddiprezzax fil-valur taghha ghax semplicement kienet irregistrata fuq persuna ohra qabel l-attur.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, Christopher Darmanin, Anthony Farrugia, Vincent Sladden u ta' John Tabone.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Angelo Farrugia ghall-attur u ta' Dr Stephen Muscat ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur xtara l-vettura Fiat bin-numru ta' registrazzjoni AAB 924 minghand is-socjeta' konvenuta izda fil-fatt qabel dan, kienet gja' ser tixtri l-istess vettura certa Tamara Sammut li, wara li l-vettura giet irregistrata fuq isimha, rega' bdielha u ghalhekk il-vettura baqghet ghand il-Fiat sakemm eventwalment inbieghet lill-attur.

L-attur qieghed isostni illi billi l-vettura ma kienetx irregistrata originarjament fuq ismu izda l-ewwel giet irregistrata fuq l-imsemmija Sammut u mbaghad ghal fuqu, dan ifisser li l-vettura ma kienetx gdida u ghalhekk ghandu dritt ghar-riduzzjoni fil-prezz minhabba f'hekk.

Mill-atti jirrizulta illi meta l-vettura kienet ser tinbiegh lil Tamara Sammut, skond il-Memorandum of Agreement tas-26 t'April, 1995 hija kienet sejra takkwistaha versu l-prezz komplessiv ta' erbat elef mitejn u tmenin lira Maltin (Lm4,280).

Meta sar il-ftehim ma' l-attur fit-13 ta' Marzu, 1996 il-prezz pattwit kien ta' tlett elef u seba' mitt lira Maltin (Lm3,700) (waqt ix-xhieda tieghu l-attur isemmi illi fil-fatt huwa xtara l-vettura ghal erbat elef u tmenin lira Maltin (Lm4,080) jew xi ammont simili. Presumibilment id-differenza tirrapprezenta spejjez sabiex jigi effettwat it-*transfer* u l-*hire purchase fees and expenses*). Id-dokument li gie ffirmat mill-attur biex akkwista l-karozza kien in-*notice to transfer* bejnu u bejn l-imsemmija Tamara Sammut u mhux bhad-dokument li kienet iffirmat Sammut, li kien bejnha u l-UCIM Company Limited.

L-attur jghid illi ma kienx jaf illi l-vettura kienet irregistrata fuq Sammut qabel ma kien akkwistaha hu u li hu kien minn ghalih li l-vettura kien qed jakkwistaha bhala gdida fjamanta u jsostni ghalhekk, kien hemm diprezzament fis-*second hand retail value* ta' l-istess vettura.

It-Tribunal huwa konvint illi fil-fatt il-vettura qatt ma harget fuq it-triq sa meta sar il-ftehim ma' l-attur hlief meta nstaqet mill-port ghall-*bonded stores* tas-socjeta' importatrici u li fil-fatt Sammut qatt ma saqet il-karozza. Hin minnhom waqt il-kawza l-attur ipprova jsostni illi fil-fatt il-vettura in kwistjoni kienet involuta f'kollizjoni qabel ma giet ikkonsenjata lill-attur, izda din l-allegazzjoni bl-ebda mod ma giet ippruvata u baqghet biss allegazzjoni.

Jigi rilevat ukoll illi l-kawza giet istitwita fis-sena 2004 u cjoe' tmien snin wara li l-attur kien xtara l-vettura. Mil-Log Book tal-vettura li gie esebit a fol 12 tal-process m'hemm l-ebda indikazzjoni li din il-vettura kienet irregistrata fuq Tamara Sammut, ghalkemm jekk wiehed jezamina sew il-Log Book hemm indikat illi l-*first registration* huwa 28 t'April, 1995 u *change of owner* huwa 15 ta' Marzu, 1996 u jekk wiehed jaqra *in between the lines*, ghandu jifhem illi

fil-fatt il-vettura kienet gja' rregistrata fuq persuna ohra qabel ma giet irregistrata fuq isem l-attur.

Jista' jkun illi l-attur haseb li fil-fatt, meta l-vettura giet originarjament irregistrata, giet irregistrata fuq isem l-importatur u f'dan ir-rigward it-Tribunal huwa konvint illi l-attur ma kienx jaf li l-vettura kienet irregistrata fuq l-imsemmija Tamara Sammut ghalkemm jirrizulta pruvat illi huwa ffirma t-*transfer form* a fol 11 tal-process. Huwa possibbli, anzi probabbli, li huwa ma tax kaz wisq ta' dak li qieghed jiffirma billi semplicement iffirma d-dokumenti li qalulu jiffirma halli jkun jista' jakkwista l-vettura. Certament, kieku qaghad aktar attent u qara n-*notice to transfer* kien jinduna li l-vettura ma kienetx qieghda tigi ttrasferita minn fuq il-UCIM Company Limited ghal fuqu izda kienet qieghda tigi ttrasferita minn Tamara Sammut.

Illi kollox ma' kollox, it-Tribunal ihoss illi kien ikun ferm u ferm ahjar kieku l-venditur kien spjega sew lill-attur ezattament x'kien il-*history* tal-vettura. F'dak il-mument l-attur kien seta' jaghmel ghazla edukata billi jew jaccetta l-vettura f'dak l-istat jew inkella jipprova jinnegozja prezz ahjar.

Stante li huwa ma giex infurmat b'din is-sitwazzjoni, huwa tilef din l-opportunita' u ghalkemm mill-banda l-ohra t-Tribunal ihoss illi l-venditur m'ghamel xejn biex jipprova jqarraq lill-attur, certament kienet konxja illi kieku hija semmiet l-imsemmija fatti lill-attur, setghet tesponi ruhha ghal *discount* iehor fuq il-prezz tal-vettura.

Jekk dan kollu imbaghad jirriflettix fuq ir-*resale value* tal-vettura wara medda ta' tmien snin huwa ferm dibattibbli u dan billi, wara dak iz-zmien, kif sewwa rrileva l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu, l-effetti tac-cirkostanzi fuq imsemmija jkunu negligibbli.

Illi pero', fuq bazi ta' ekwita' t-Tribunal ihoss illi in vista tal-fatt li l-attur ma kellux il-possibbilta' li jinnegozja l-pozizzjoni tieghu daqsxejn ahjar billi ma giex zvelat l-imsemmi fatt, ghandu jkun hemm xi forma ta' kumpens u fic-cirkostanzi kollha kif inhuma tenut kont partikolarment

il-fatt li l-kawza giet istitwita wara tmien snin li giet akkwistata l-vettura, l-kumpens li ghandu jinghata lill-attur ghandu jkun wiehed nominali ta' mitt lira Maltin (Lm100) li qed jigi llikwidat minn dan it-Tribunal *arbitrio et bono viri*.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' parzjalment it-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Fic-cirkostanzi tal-premess, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. L-interessi jibdew jghaddu mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------